- *SEPARAZZJONI; ARTIKOLU 40 KAP 16 –*
- *ACCESS MINURI –*
- *FTEHIM BEJN IL-PARTIJIET –*
- *ARTIKOLU 48 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002

**Kawza Numru: 61**
**Citazzjoni Numru: 563/00/RCP**

**Margaret Cardona f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Nikita**

**vs**

**John Cardona**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta' Marzu 1995, u sussegwentement fl-24 ta' Frar 1996, twelditilhom tifla Nikita li llum ghandha tliet snin u nofs;

Illi l-konvenut John Cardona rrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi, servizzi, mohqrija u theddid fil-konfront ta' l-attrici u ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-attrici hi debitament awtorizzata permezz ta' digriet ta' l-Onorabbli Sekond' Awla ta' dina l-Qorti tat-12 ta' Jannar 1999, Nru. 13/99, sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha;

Illi l-istess attrici talbet lil dina l-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;

2. Tassenja lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla taghhom minuri Nikita;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tifel (corregge:- tifla) imsemmi dik is-somma li joghgobha tiffissa ghall-manteniment taghhom;

4. Tordna l-likwidazzjoni, divizjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tiddikjara illi d-dar konjugali fl-indirizz Nru. 82, The Strand, Sliema, proprjeta' tal-familja ta' l-attrici u fejn illum jirrisjedu l-attrici u binthom minuri Nikita flimkien ma' l-istess familjari, hi r-residenza taghhom u dan bl-eskluzjoni ta' l-imsemmi konvenut; u

6. Tiddikjara l-konvenut dekadut mill-jeddijiet kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat in-nota tal-avukat Dr. Veronica Aquilina datata 28 ta' Awissu 2000 fejn biha rrinunzjat ghall-patrocinju tal-attrici *stante* li ma baqghetx fuq l-elenku ta' l-avukati ghall-ghajnuna legali. Rat ukoll ir-rikors segwenti tat-12 ta' Settembru 2000 tal-istess Dr. Aquilina ghall-istess raguni fejn anke talbet li l-Qorti tinnomina avukat iehor minn fuq l-elenku ta' l-avukati ghall-ghajnuna legali, bhala sostitut ghaliha.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2000 fejn laqghet it-talba u ordnat li tigi sostitwita mill-avukat ghall-ghajnuna legali li jmiss skond l-elenku.

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati fejn infurmat lill-Qorti li l-Avukat li jmissu t-turn fuq l-elenku tal-Avukati ghall-ghajnuna legali hu l-Avukat Dr. Peter Fenech.

Rat il-verbali tal-24 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut; tal-20 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi.

Il-konvenut minkejja li gie notifikat fis-6 ta' Marzu 2001 (*a tergo fol.*23) ma pprezenta l-ebda nota t'eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci;

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti fuq talba tal-attrici rrevokat l-inkarigu tal-Assistenta Gudizzjarja u ddiferixxiet il-kawza ghas-smiegh tal-provi.

Rat in-nota tal-attrici tat-18 ta' Jannar 2002 li biha pprezentat l-affidavits ta' Stella Borg u Paul Borg.

Rat il-verbali tal-1 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u s-7 ta'

Mejju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' ghaxart (10) ijiem. Il-kawza giet differita ghal trattazzjoni finali.

Rat in-nota tal-attrici Margaret Cardona datata 31 ta' Mejju 2002 li biha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Anglu Farrugia ghall-konvenut tratta l-kaz. Il-partijiet iddikjaraw li l-access bhalissa qed isir kif jiftehmu l-partijiet, u ssuggerixxew li jibda jsir nhar ta' Sibt bejn is-6:00 u d-9:00 p.m. Il-konvenut anke ddikjara li l-mobbli formanti fil-komunjoni tal-akkwisti jigu assenjati lill-attrici. L-istess konvenut qabel li ghandu jhallas Lm10 manteniment fil-gimgha flimkien ma' l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tat-tifla nkluz it-trasport ghall-iskola Santa Monica, tal-Gzira. L-attrici ddikjarat li tenut kont tac-cirkostanzi hija kuntenta b'dan l-arrangament. Il-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan iz-zwieg tfarrak ghar-ragunijet imputabbli lill-konvenut *stante* li kellu l-vizzju tal-loghob, u ma jidher li ghamel xejn sabiex l-istess vizzju jigi

eleminat u jfixxkel hajtu mal-familja tieghu, tant li wara li saru diversi tentattivi minn martu sabiex huwa jipprova jieqaf mill-istess hajja, anke wara t-twelid ta' binthom, l-istess konvenut, anke fuq rikjesta ta' martu telaq mid-dar konjugali, li *in verita'* kienet id-dar tal-genituri taghha, u sa llum baqghu hekk separati.

Illi ma jidhirx li hemm xejn li kien formanti l-komunjoni tal-akkwisti li ma giex assenjat bi ftehim bejn il-partijiet, li kienu jikkonsistu f'affarijiet nominali *stante* li kif gja inghad l-konvenut kien jonfoq kollox fil-loghob, u *di piu'*, ghalkemm jahdem ma ghandux il-mezzi sabiex adegwatament jmantni lill-martu, ghalkemm ghandu l-mezzi sabiex bil-mod premess ihallas l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-istess bintu, u fil-fatt il-partijiet wasslu fi ftehim quddiem il-Qorti, li l-istess konvenut imantni lill-attrici u lil bintu bis-somma ta' Lm10 fil-gimgha, b'effett mid-data ta' din is-sentenza *oltre* li jhallas l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni tal-istess minuri, li bhalissa tattendi l-iskola ta' Santa Monica, Gzira, inkluz it-transport tal-istess. Ma dawn din il-Qorti thoss li ghandha zzid ukoll l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' kontijiet medici tal-istess minuri li l-istess minuri jista' jkollha bzonn minn zmien ghal zmien, apparti li fil-gimghat tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, fil-gimgha ta' gheluq zmien l-istess minuri, u fil-gimgha ta' l-Ghid, tali manteniment ghandu jkun ta' Lm30 fil-gimgha.

Illi dan huwa bbazat fuq dak li ddikjaraw il-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2002.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod hawn premess, b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut u dan minhabba eccessi u sevizzi pratikati minnu fil-konfront tal-attrici, u li kawza ta' hekk il-hajja bejn l-istess kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment.

(2) Tassenja lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla taghhom minuri Nikita, b'dan li l-konvenut ikollu access ghal-istess minuri kull nhar ta' Sibt bejn is-6.00.p.m. u d-9.00.p.m. kif il-partijiet qabblu fil-verbal tad-19 ta' Gunju 2002.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghall-istess minuri s-somma ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, *oltre* li l-konvenut huwa obbligat li jhallas l-ispejjez kollha tal-istess minuri ghall-edukazzjoni taghha, inkluzi xiri ta' kotba u *stationary,* uniformi, u trasport ghall-istess skola, li bhal issa hija St. Monica School, Gzira, u dak kollu li hemm bzonn ghall-istess edukazzjoni tal-imsemmija minuri Nikita, apparti l-ispejjez kollha medici li l-istess minuri tista' tigi bzonn minn zmien ghal zmien. B'dan ukoll li limitatament u biss ghal-gimghat tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, fil-gimgha ta' gheluq zmien l-istess minuri, u fil-

gimgha ta' l-Ghid, tali manteniment ghandu jkun ta' tletin (Lm30) fil-gimgha.

(4) Tordna l-likwidazzjoni, divizjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara li ma hemm xejn ta' valur fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti.

(5) Tiddikjara illi d-dar konjugali fl-indirizz Nru. 82, The Strand, Sliema, proprjeta' tal-familja ta' l-attrici u fejn illum jirrisjedu l-attrici u binthom minuri Nikita flimkien ma' l-istess familjari, hi r-residenza taghhom u dan bl-eskluzjoni ta' l-imsemmi konvenut; u

(6) Tiddikjara l-konvenut dekadut mill-jeddijiet kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)**;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**